24 ta' Ottubru, 1949.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Victor E. Chircop ne. *versus* Vincent Preca pr. et ne.

**Bejgħ — Danni — "Jus Retentionis".**

*Ix-xerrej li jirċievi l-merkanzija minnu ordnata u jkun irid jirrifjutaha għax mhix skond l-ordni jew għal xi raġuni oħra, għandu jirritornaha lill-venditur, jew almenu jiddepożitaha jekk jidhirlu li għandu dritt, per mezz ta' l-istess merkanzija, jikkawtela d-dritt tiegħu għad-danni. Jekk huwa iżomm għandu l-merkanzija, u ma jieħu ebda azzjoni kontra l-venditur, ma jistax, meta jiġi interpellat mill-venditur, jirrifjuta li jħallas il-prezz tagħha.*

*Ix-xerrej li rċieva l-merkanzija mhux preġudikat fid-dritt tiegħu li jirrifjuta l-merkanzija jekk ikollu raġuni tajba biex jirrifjutaha; imma ma jistax, kuntrarjament għall-ispeditezza fl-affarijiet kummerċjali, iżomm għandu, anzi jirrifjuta li jirritorna, dik il-merkanzija lill-venditur, bħala kawtela ta' l-eventwali dritt tiegħu għad-danni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, fejn talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas fil-kwalità fuq imsemmija s-somma ta' £72. 3. 6, prezz ta' sitt tużżani "cigarette cases splash plaquered" bit-12s. il-waħda, assortiti fil-kulur u fid-disinji, u ta' 61 "cigarette cases iron nickel plated" bid-9s. 6d. il-waħda, kollha bil-"lighters" magħhom, li ġew mibjugħa minnu u konsenjati lill-konvenut. Bl-imgħax kummerċjali min-notifika taċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fl-14 ta' Ġunju 1949, fejn laqgħet it-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut, salva lill-konvenut kull xorta ta' azzjoni li jista qatt ikollu, jekk u skond il-liġi; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li l-konvenut ordna s-sigarrettieri in kwistjoni lill-attur, u meta dawn waslu l-konvenut irċevi-

hom; iżda wara ppretenda li kellhom ikunu bħal dawk li l-attur kien ġieblu qabel; għaliex, kif ippretenda huwa, kienu maħsula bir-ram u bit-truf ma jaqtgħux; illi fil-katalogu dawn iż-żewġ kwalitajiet ma jinsabux imsemmija f'li "specifications", u s-sigarrettieri jikkorrispondu għal li "specifications" indikati fil-katalogu; b'dana kollu, fl-ittra li l-attur bagħat lid-dar ta' barra jingħad li ta' qabel kienu maħsula bir-ram—ċirkustanza li d-dar ta' barra ċaħdet kategorikament. Intant l-attur ried jieħu lura s-sigarrettieri u jħassar il-bejgħ; iżda l-konvenut ried iżommhom għax ippretenda d-danni;

Illi jekk il-konvenut ma riedx jaċċetta dawk is-sigarrettieri bħala dawk li kien ordna, ebda dritt ma kellu jżommhom u ma jħallasx prezzhom; għax jekk stess kellu d-dritt għad-danni, il-liġi ma tagħtihx il-"jus retentionis", u lanqas jista' jippretendi li bihom jikkompensa d-danni; għax id-danni huma illiwidi, u s-sigarrettieri ma humiex "res ejusdem *generis*", *bħal flus li bihom jirriżolvu ruħhom id-danni.* U la darba għoġbu jżomm is-sigarrettieri, il-konvenut għandu jħallas prezzhom, salv id-dritt tiegħu għad-danni, jekk u skond il-liġi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut proprio et nomine u l-petizzjoni tiegħu, fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u d-domandi ta' l-attur ikunu respinti; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi waħda mis-sottomissjonijiet ta' l-attur, li ġew milqugħa mill-Ewwel Qorti, hija illi peress li l-konvenut żamm il-merkanzija f'idejh, anzi rrifjuta li jagħtiha lura lill-attur, meta *dan talabhielu, huwa obligat iħallas il-prezz tagħha. Dana* huwa anki wieħed mill-gravami ta' l-appellant, li għandu jiġi eżaminat fl-ewwel lok. Infatti l-appellant jippretendi illi kellu d-dritt iżomm dik il-merkanzija f'idejh biex ikun jista' jitħallas għal kwalunkwe dannu li jista' jkollu. Is-sottomissjoni ta' l-appellant hija però inammissibili; għaliex la darba huwa ma riedx dik il-merkanzija, sew għaliex, kif almenu huwa jippretendi, hija difformi mill-kampjun, u għaliex ma ġietx konsenjata fil-kwantità intera konvenuta, kien fl-obligu, mhux iżom-

mha għandu, iżda, peress li hija rifjutata, jew jagħtiha lura lill-attur, jew almenu jgħaddi għad-depożitu tagħha—depożitu li kien ikun ġustifikat, biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, għall-prova futura, jekk ċjoè l-merkanzija hijiex jew le konformi għall-kampjun. Iżda hija kontra kwalunkwe prinċipju ġuridiku u kontra l-pratika nveterata tal-Qorti tal-Kummerċ, illi l-kumpratur jista' jżomm dik il-merkanzija għandu, ma jieħu l-ebda azzjoni, għalkemm qal lill-attur bil-protesta tiegħu, iżda ma jieħu l-ebda pass ġudizzjarju, u mbagħad meta jiġi azzjonat għall-ħlas tal-prezz iġib l-eċċezzjonijiet tiegħu. Iżjed u iżjed il-pożizzjoni ta' l-appellant ġiet preġudikata, meta l-attur appellat talbu formalment biex jagħtihielu lura; għax l-attur seta biegħha li ħadd ieħor, seta' għamel profitt fuqha; salva kwalunkwe azzjoni ta' l-appellant għad-danni. Għalhekk sewwa għamlet l-Ewwel Qorti illi, salva kwalunkwe azzjoni kompetenti lill-appellant kontra l-attur fuq din l-operazzjoni, "si et quatenus", huwa "rebus sic stantibus" għandu jħallas il-prezz tagħha. *Huwa ta' min jinnota illi ż-żmien ma kienx* qasir, u għalhekk traskurabili; imma minn Marzu 1949 sal-ġurnata tal-lum;

Tikkunsidra;

Illi l-ġurisprudenza ċitata mill-appellant hija inapplikabili; infatti fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-29 ta' *Marzu 1890 (Kollez. Vol. XII, p. 421), kien il-kumpratur stess* li kien qiegħed jaġixxi u talab illi l-venditur ikun kundannat jirċievi dik il-merkanzija, peress li hija difformi għall-kampjun, u in difett li jkun awtorizzat jiddepożitaha—dak li preċiżament kien imissu għamel l-appellant, u mhux joqgħod inattiv. Il-fatt illi l-kumpratur ikun irċieva l-merkanzija, dejjem kien kunsidrat li mhuwiex ta' l-ebda preġudizzju għad-drittijiet tal-kompratur; iżda f'dan il-każ ma hawnx il-każ sempliċi tar-riċezzjoni tal-merkanzija, imma anki talli żammha għandu għal żmien pjù o meno twil, kontra l-ispeditezza ta' l-affarijiet kummerċjali, u anzi rrifjuta li jagħtiha lura, taħt il-pretensjoni illi jridha bħala garanzija għad-danni, u għalhekk ippretenda li għandu fuqha xi dritt ta' ritenzjoni. L-istess prinċipji żvolti f'dik l-ewwel sentenza fuq ċitata ("Pace vs. Pace" tad-29 ta' Marzu 1890, ġew żvolti fil-kaw-

ża l-oħra "Busuttil vs. Micallef" fit-18 ta' Frar 1924 (Kollez. Vol. XXV-I-1041), fuq ir-riċezzjoni tal-merkanzija;

Għalhekk ma hemmx bżonn illi jiġi eżaminat il-gravam l-ieħor ta' l-appellant;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm dana l-appell; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant; bir-riżerva favur l-appellant magħmula fis-sentenza fuq imsemmija.